# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NUMRU 2 4 6 1

### Chairman: Dr Leslie Cuschieri Cert.Dip.Stud., LL.D.

**Kaz Numru 3169/LC**

**Fil-kwistjoni tax-Xoghol bejn**

**Paul Diacono (k.i. 116963M)**

**vs**

**Arriva Malta Limited (C-48875), u b'digriet tal-20 ta' Mejju 2014 l-isem inbidel ghal Malta Public Transport Services (Operations) Ltd**

**dwar tkeċċija mill-impieg allegata li hi inġusta.**

Illum 14 ta' Frar 2017

Dan il-kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Rikors Paul Diacono li gie pprezentat fir-Registru tal-Qorti fit-22 ta' Ottubru 2013, tramite l-avukat Dottor Abigail Critien.

PRELIMINARI

Fir-rikors tieghu Paul Diacono qal li huwa kien gie impjegat mas-socjeta' intimata bhala *bus driver* fuq bazi full-time mit-3 ta' Lulju 2011; imbghad fit-30 ta' Gunju 2013 waqt li kien qed isuq xarabank bin-numru ta' registrazzjoni BUS 127 kellu incident fejn weġġghet mara anzjana; wara dan fit-18 ta' Lulju 2013 ir-rikorrent ircieva ittra li biha huwa intalab jaghti spjegazzjoni dwar l–imsemmi incident; imbaghad b'ittra tal-25 ta' Lulju 2013 huwa gie infurmat li l-impieg tieghu gie tterminat, u dan *on disciplinary grounds*. Fis-27 ta' Lulju 2013 ir-rikorrent appella minn din id-decizjoni, pero' d-decizjoni ma nbidlitx.

Bid-Dikjarazzjoni tal-Kaz tieghu, ir-rikorrent ikkonferma dawn il-fatti u talab li jigi dikjarat li t-terminazzjoni tal-impieg tieghu kienet wahda ingusta u nvalida fil-ligi, u li jinghataw provvedimenti ai termini tal-Artikolu 81 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta, inkluz li huwa jierga' jigi reintegrat f'xogholu u jithallas kumpens gust.

Is-socjeta' intimata pprezentat Dikjarazzjoni tal-Kaz taghha fejn iddikjarat li kellu jirrizulta li t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt; tghid li l-impieg tar-rikorrent gie tterminat mis-socjeta' intimata minhabba ragunijiet tajba u sufficjient fil-ligi li jiggustifikaw it-tkeccija tal-istess rikorrent. Tghid li nhar it-30 ta' Gunju 2013 ir-rikorrent kien involut f'incident serju tat-traffiku ghal liema incident ir-rikorrent kien unikament responsabbli minhabba traskuragni, imperizja u negligenza tal-istess rikorrent. Tghid li b'rizultat tal-imsemmi incidet persuna li kienet miexja fit-triq ittajret bix-xarabank misjuq mir-rikorrent, u din il-persuna ttiehdet l-isptar f'qaghda kritika. Tghid li ghamlet investigazzjoni u rrizultalha li fl-incident ir-rikorrenti kien qed isuq ix-xarabank b'velocita' eccessiva tenut kont iz-zona ta' quddiem il-bieb tal-Imdina fejn ikun hemm moviment konsiderevoli ta' nies. Irrizulta li dan l-incident seta' jigi evitat kieku r-rikorrent qaghad attent. Jinghad li bl-izball tieghu giet ipperikolata s-sahha u l-hajja tan-nies u esponiet lis-socjeta' intimata ghal dannu u pregudizzju serju. Inghad li fix-xhur ta' qabel l-incident imsemmi r-rikorrent kien diga' inghata twissijiet verbali kif ukoll bil-miktub li wahda minnhom kienet iggib id-data tal-20 ta' Frar u 25 ta' Gunju 2013. Jinghad li r-rikorrent inghata biz-zejjed opportunitajiet u tenut kont il-gravita' tal-incident, it-tkeccija kienet mizura gusta.

Fil-fazi inizjali ta' dan il-kaz, dan it-Tribunal heggeg lill-partijiet jersqu ghal ftehim bonarju. Ghall-iskopijiet ta' Artikolu 78 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta jinghad li ma kienx possibbli li dan il-kaz jigi terminat fiz-zmien moghti mill-ligi minhabba d-diversi xhieda prodotti li tressqu fuq numru ta' seduti, oltre l-waqfien mis-smiegh tal-kaz minhabba kawza kostituzzjonali relattiva.

F’din l-ewwel seduta ir-rikorrent informa lit-Tribunal li huwa kien diga’ sab impieg alternattiv, u dan mill-ahhar ta’ Settembru 2013.

IL-PROVI

Is-socjeta` intimata ressqet lill-manager tal-Marsa Depot, is-sur Joseph Simiana li kien responsabbli mid-dixxiplina rigwardanti d-drivers tal-Marsa Depot. Jghid li fit-30 ta’ Gunju 2013 cemplulu mill-Control Room minn fejn infurmawh li Paul Diacono kellu incident quddiem il-bieb tal-Imdina fejn laqat mara anzjana bil-vettura tieghu. Mar fuq il-post u Diacono qallu li hu u jdur sab lill-anzjana quddiemu f’daqqa. Bhala parti mill-investigazzjoni tal-kumpanija gew fuq il-post is-Service Standard Managers u l-Health and Safety Officers biex jigbru l-evidenza; dan apparti dak li setghu kienu qed jaghmlu l-pulizija. Dakinhar Diacono mar il-polyclinic minhabba xokk qawwi, imbaghad rega’ kellmu l-ghada, meta imbaghad ghamel rapport tal-incident li kien jinkludi sketch ta’ fejn waqfet il-karozza tal-linja, b’liema parti tal-vettura intalqtet l-anzjana, u fejn waqghet fl-art l-anzjana (folio 18). Esebixxa rapport tal-pulizija li fost affarijiet ohra jindika li l-incident sehh fit-8:05 ta’ fil-ghaxijia u li l-persuna milquta kienet certa Maria Attard ta’ 71 sena.

Dan ix-xhud esebixxa 3 stills mill-camera ta’ gox-xarabank, fejn dak mehud fit-20:05:25 juri lill-anzjana ghadha miexja quddiem il-wind-screen, mentri dak mehud fit-20:05:26 juri lill-anzjana diga’ mixhuta fl-art. Sketch mibni fuq mapping tal-GPS li kien hemm fuq ix-xarabank kien jindika li minuta qabel ma sehh l-incident, Diacono kien qed isuq b’velocita’ medja ta’ 14.4KM/h, mentri fin-nofs minuta li fiha sehh l-incident il-velocita’ medja kienet 25.2KM/h. Jghid li dwar l-incident Diacono kien qallu “Kont qed indawwar u sibtha ma wicci; zammejt il-brake imma lhaqt ilqattha.” Jghid li ra l-file ta’ Diacono u innota hames warnings precedenti: fit-2 ta’ Novembru 2012 hu u jaqla' xarabank ohra ipparkjata laqtilha l-mera; fis-6 ta’ Novembru 2012 prova jghaddi minn bejn zewg karozzi ipparkjati u laqat il-bumper ta’ karozza

minnhom; fit-22 ta' Jannar 2013 kellu jimla "defect sheet" dwar ix-xarabank tieghu, imma halla hafna informazzjoni nieqsa u minflok kiteb li x-xarabank tieghu jimxi wisq bil-mod, u dan qalu bi kliem vulgari; fis-27 ta' Jannar 2013 Diacono applika ghal 'leave' izda ghalkemm dan ma giex awtorizzat, huwa xorta ma marx ghax-xoghol, bil-konsegwenza li intilfu xi rotot u l-kumpanija intimata wehlet il-multi; fit-28 ta' Marzu dahal ghax-xoghol tard u inghata twissija formali; fit-23 ta' Gunju 2013 kellu jibdel ma' vettura ohra hdejn l-Universita' izda wasal tard u halla lil kulhadd jistenna 15-il minuta – fuq din inghata t-tieni twissija formali, pero' Diacono irrifjuta li jiffirma dawn il-warnings. Ir-records juru li Diacono kellu incident iehor minuri ta' kollizjoni fid-9 ta' Novembru 2011 (dokument JS20 f'folio 60).

Kim Purcell, Operations Director, xhedet li Diacono kien talabha tbiddel ir-raguni tat-terminazzjoni tal-impieg tieghu minn fuq il-formola tal-ETC, ghax kien tnizzel li tkecca minhabba dixxiplina. Hi qaltlu li ma setghetx. Pero' huwa appella mid-decizjoni tat-tkeccija. Hi gibditlu l-attenzjoni ghall-att li lill-anzjana kien laqatha bin-naha tax-xellug tax-xarabank meta hija kienet qed taqsam minn naha tal-lemin – igifieri din suppost ghaddiet minn quddiem ghajnejh. Huwa ra l-footage tas-CCTV u baqa' jinsisti li l-anzjana qasmitlu f'daqqa meta huwa kien qed izomm ghajnejh fuq ix-xellug biex ma jolqotx karozzini li kien hemm ma' dak il-genb. Din ix-xhud ikkonkludiet li b'dawn ic-cirkostanzi Diacono kien qed isuq wisq veloci b' 25.2 KM/h u kellu tort fl-incident. Tghid li Diacono kien qed isuq l-akbar xarabank, ta' 12-il metru tul, u minhabba blind-spots li ghandha, huwa kellu jsuq iktar bil-mod minn normal. Hija innotat ukoll li bid-daqqa l-anzjana twaddbet diversi piedi l-boghod meta x-xarabank setghet waqfet immedjatament malli inghafsu l-brakes. Ix-xarabank waqfet mal-ewwel malli inghafsu l-brakes imma inghafsu tard wisq. Tghid li s-sewwieqa jigu mghallma isuqu "defensive driving" fis-sens li jaraw x'ikun gej fi triqthom bil-quddiem sabiex jekk ikun hemm xi ostaklu gej, huma ma jiehdux brakes f'daqqa. Jekk il-vista ma tkunx qed twassal allura jkunu jridu jnaqqsu l-velocita' mentri f'dan il-kaz jirrizulta li Diacono meta kien qed joqrob lejn il-bieb tal-Imdina zied il-velocita'. Tghid li hija innotat li Diacono

kien involut f'diversi kollizjonijiet minuri ohra u tul l-appell huwa qatt ma accetta li ghamel xejn hazin; dan kien juriha li huwa ma riedx jirranga l-istil ta' sewqan tieghu, u ghalhekk l-appell gie michud. Mistoqsija in kontroezami kif gie meqjuz li Diacono kien qed isuq veloci wisq meta anqas brake-marks ma thallew, ix-xhud spjegat li 25.2KM/h ma kinitx velocita' gholja oggettivament u l-karozza setghet titwaqqaf mill-ewwel, pero' kienet gholja fic-cirkostanzi ta' liwja qawwija, karozzi, zwiemel, karozzini, nies jaqsmu u dak kollu li normalment ikun hemm hdejn il-bieb tal-Imdina.

Joseph Lombardi xhed fil-vesti tieghu ta' IT Manager tas-socjeta' intimata li pprezenta DVD (dokument JL1) bil-footage ta' zewg cameras. Huwa spjega li kull xarabank ikollha erba' cameras: tnejn ghall-kuridur, wahda ghall-bieb tal-passiggieri li minnha jidher ftit il-wind-screen, u wahda bil-vista tad-driver; pero' f'dan il-kaz din ta' quddiem u tal-kuridur ta' wara ma kienux qed jahdmu. L-istills li gew ipprezentati ittiehdu mill-footage tal-camera tal-bieba.

Elton Debattista xhed li huwa kien Health, Safety and Risk Manager li jghid li fil-jum tal-incident huwa mar fuq il-post mill-ewwel u Diacono qallu li lill-persuna anzjana ma rahiex taqsam imma induna biha malli laqatha. Dan ix-xhud ghamel diversi konkluzjonijiet dwar kif sehh l-incident, pero' dawn m'ghandhomx valur probatorju ghaliex huwa mhux espert mahtur minn xi qorti. Ikkonferma li ma kienx hemm brake-marks.

Peress li sa Marzu 2015 l-inkjesta Magisterjali kienet ghadha ma inghalqitx, il-kaz kellu jghaddi ghas-smiegh tal-provi tar-rikorrent.

Ir-Rikorrent xhed li huwa gie impjegat mal-Arriva Malta Ltd fl-4 ta' Lulju 2012, pero' r-records juru li dahal fl-4 ta' Lulju 2011. Huwa dam xufier sat-30 ta' Gunju 2013, igifieri kwazi sentejn. Jghid li fil-jum tal-incident tat-30 ta' Gunju 2013 kien gej minn fejn il-venda tar-Rabat; telaq minn hdejn id-Domus Romana f'xi t-8:00 ta' fil-ghaxija. Hu u jdawwar quddiem il-bieb tal-Imdina ried joqghod attent ghal xi zwiemel, karozzini u taxis li seta' jkollu fuq in-naha

tax-xellug tieghu, u dak il-mument sema hoss u hares tahtu u ra persuna li kien ghadu kif laqat, u waqqaf f'daqqa. Din il-persuna harget minn gol-gnien in-naha tal-lemin tieghu biex tmur in-naha tal-bandli fejn hemm anke gabbana, izda hu qatt ma ppretenda li persuna kienet ser taqbad u taqsam hekk minn dik in-naha. Jghid li bil-qata' qabitu roghda u ma felahx icempel ghal ambulanza hu, u qabbal lil siehbu jcempel. Jghid li dak iz-zmien ma kienx hemm zebra crossing fil-post fejn qasmet l-anzjana.

Mistoqsi dwar warnings li seta' qala, huwa jghid li ma jaqbilx mad-diversi twissijiet li qala', u m'accettahomx ghalkemm kienu zghar, skond hu.

Wara l-incident tal-Imdina gie sospiz ghal xi zmien bi hlas, u sussegwentement sejhulu biex jerga' jiehu training, u jibqa' jithallas. Pero' imbaghad gharrfuh li ma kienux se jzommuh, u tterminawlu l-impieg. Jghid li ssejjah biex jixhed f'inkjesta izda ma jafx x'sar minn dik l-inkjesta.

In kontroezami r-rikorrent ikkonferma li dakinhar tal-ahhar incident ma tantx kien hemm movement barra l-bieb tal-Imdina; kien kwazi vojt, izda huwa xorta htieglu joqghod attent hafna ghal dak li jista' jigi minn naha tal-bieb tal-Imdina. Jghid li huwa ma kkontestax il-warnings ghax deherlu li b'hekk ikun qed jidhol f'pika li tiswih aghar. Dwar it-twissijiet kollha r-rikorrent tkellem biss fuq l-incident li kellu ma sewwieqa f'Tas Silg: jghid li s-sewwieq l-ohra kellha tort pero' l-kumpanija accettat li titfa t-tort fuqu biex ma tidholx qrati. Dwar il-kliem hazin li kien kiteb fuq dokument tal-kumpanija jghid li kien tilef il-pacenzja bit-truck kienu spiss ituh ghax bil-kemm kien jimxi.

## KONSIDERAZZJONIJIET

F'dan il-kaz m'ghandniex wisq verzjonijiet li jikkontradixxu wahda lill-ohra. Dan it-Tribunal ma jistax ma jinnotax it-twissijiet, formali u mhumiex, lli inghata r-rikorrent diversi drabi: daqqa ghax mar tard ghax-xoghol, daqqa ghax qabad u assenta ruhu mix-xoghol, u f'xi okkazjonijiet ghax kellu kollizjonijiet minuri. Fix-xhieda tieghu ir-rikorrent ma jghid xejn dwarhom dawn, u cioe` ma

jirribattihomx. Kien biss in kontroezami li b'mod vag huwa qal li l-warnings mahrugin kontrih ma kienux gusti, u b'mod legger immens irribatta l-okkazjoni ta' meta kien lejn Tas-Silg u ha fuqu tort li ma kellux, skond hu biex il-kumpanija tehles milli titla' l-Qorti. Huwa jghid li qatt ma oggezzjona ghal dawn it-twissijiet ghax ma kienx ikun irid ihaqqaqha mal-kumpanija, pero' huwa certament ma kienx gustifikat ma jsemmi xejn dwarhom fix-xhieda spontanja tieghu. Ghalhekk dan it-Tribunal qed iqis li dawk it-twissijiet, in kwantu mhux kontestati, kienu gustifikati.

Dwar l-incident tat-30 ta' Gunju 2013, dan it-Tribunal jinnota l-genwinita' li biha xhed ir-rikorrent u temmen li dik il-verzjoni hija veritiera. Ir-rikorrent wasal bix-xarabank hdejn il-bieb tal-Imdina u hu u jdawwar ghal fuq il-lemin zamm harstu fuq ix-xellug fejn soltu jkun hemm nies jaqsmu, karozzi, taxis, u zwiemel tal-karozzini. Huwa jammetti li dakinhar ma tantx kien hemm karozzi hdejn is-soltu, pero' xorta kellu joqghod b'seba' mitt ghajn ghal dak li kellu fuq ix-xellug tieghu. It-Tribunal jinnota li dokument KB1 f'folio 128 huwa ritratt li juri li min ser jibqa' jdur lura lejn is-Saqqajja irid izomm imhakkek mal-gnien li s-sewwieq ikollu fuq il-lemin tieghu. Jaghmel sens li sewwieq ikun iktar attent ghal dak li jkollu fuq ix-xellug tieghu minn fejn jistghu jiccaqilqu xi karozzi weqfin, zwiemel weqfin jew nies hergin mill-Imdina. Jidher li r-rikorrenti, bhal ma ammetta hu stess, kellu mohhu fuq dak li seta' jitfaccalu fuq ix-xellug, u hadha "for granted" li ma kellux ghalfejn ikun "on alert" ghal dak li jista' jigi minn naha tal-lemin. Jidher li f'mument li kien qed izomm harstu fuq ix-xellug qasmet quddiemu l-anzjana ta' 71 sena minn gol-gnien fuq in-naha tal-lemin u r-rikorrent laqatha bix-xarabank minghajr ma lehaq raha. Jidher li l-kumpanija intimata ikkonsidrat li r-rikorrent ma kellux ghajnejh fuq it-triq, u kkunsidrat ukoll li skond il-GPS huwa kien qed isuq b'velocita' ta' 25.2.KM/h Li r-rikorrent ma kellux ghajnejh fuq it-triq jirrizulta bhala fatt, gialadarba r-rikorrent l-anqas bis ra lill-anzjana taqsam, u allura ma jistax jigi skolpat minn kull htija. Pero' zewg fatturi certament ma gewx ikkunsidrati mill-kumpanija intimata meta evalwat in-nuqqas tar-rikorrent. Fl-ewwel lok ghandu jigi rikonoxxut li minn fejn qasmet l-anzjana ma kien hemm ebda zebra

crossing, u ghalhekk persuna li trid taqsam hija fir-responsabbilta' li ma taqsamx qabel ma taccerta ruhha li mhumiex gejjin vetturi. Ghalhekk l-anzjana in kwistjoni kienet tahti hafna ghall-incident ghaliex anke kieku r-rikorrent kien b'ghajnejh fuq in-nofs tat-triq, xorta l-mod kif qasmet seta' ta lok li tittajjar mill-vettura. F'dawra bhal dik in kwistjoni, is-sewwieq irid izomm look-out wiesgha ta' kwazi 180 grad, u sfortunatament ahna l-bnedmin ma nistghux naraw "wide-angle" f'hin wiehed. Ghalhekk in-nuqqas tar-rikorrent li kien qed jiffoka aktar lejn ix-xellug jista' jitqies bhal wiehed skuzabbli, sa certu punt, peress li huwa komuni li jinqalghu emergenzi minn naha tax-xellug. In-nuqqas minuri tar-rikorrent kien li donnu f'xi mument, anke jekk qasir, huwa qala' ghajnejh kompletament mic-centru tat-triq.

Ir-rapprezentanti tas-socjeta' intimata ghafsu hafna fuq il-velocita' relattivament eccessiva tar-rikorrent, u kien minhabba f'dan li huwa tqies bhal li jahti ghall-akkadut. Dwar dan it-Tribunal ra sew iz-zewg footages ipprezentati mill-istess socjeta', u l-footage tal-camera li kienet fuq gewwa uriet li bhala passiggier kien hemm ragel ta' eta' avvanzata. Dan bl-ebda mod ma jidher jixxengel fil-liwjiet, l-anqas fl-ahhar wahda fejn ix-xarabank kienet qed taghmel kwazi U-turn. Jekk wiehed iqabbel il-hinijiet ta' din il-camera mal-hinijiet tal-camera l-ohra li kienet direzzjonata fuq il-bieba u l-wind-screen, isib li dan l-anzjan ha skoss zghir hafna mal-brake li s-sewwieq ha wara li laqat lill-anzjana. Jinghad li l-iskoss kien zghir ghaliex dan ir-ragel hareg id wahda biex izomm ma dak li kellu quddiemu. Dan iwassal lit-tribunal li jikkonkludi li ghalkemm il-velocita' medja li biha kien qed isuq Diacono f'dik in-nofs minuta li fiha sehh l-incident kienet tammonta ghal 25.2KM/h, il-fatt li r-ragel passiggier ma xxengilx fuq il-gnub jindika li r-rikorrent saq veloci meta kien ghad-dritt, pero' naqqas il-velocita' sewwa meta wasal ghall-liwjiet. Minn dak li qalu x-xhieda tal-kumpanija intimata, il-footage ta' din il-camera ta' gewwa ma tawx kasu, u pprezentawh biss ghall-kompletezza. Meta wiehed janalizza dak il-filmat jikkonkludi li Diacono verament dar il-liwja bil-mod, u allura kien prudenti f'dik li hi velocita'.

B'kollox ma' kollox, ghalkemm dan l-incident kellu konsegwenzi gravi, in-nuqqas tar-rikorrent kien li hadha "for-granted" li hadd mhu se jaqsam minn naha tal-lemin tieghu. Del resto, il-maggor parti tal-htija tal-incident kienet tahti ghalih l-istess anzjana li qasmet minkejja li kien hemm xarabank ghaddejja. Fil-waqt li n-nuqqas tar-rikorrent qed jitqies bhala minuri, dan it-Tribunal qed jiehu dan il-kaz fil-kuntest tan-nuqqasijiet l-ohra ta' qabel, li kif inghad, ma gewx ikkontestati. Ir-rikorrent, bhala xufier ta' xarabank, htieglu jkun aktar alert u kkoncentrat f'xogholu. Pero' f'dawn ic-cirkostanzi, dan it-Tribunal ma jhossx li l-ahhar incident kien gravi biz-zejjed biex iwassal ghal tkeccija. It-tkeccija ta' haddiem ghandha tkun misura estrema; f'cirkostanza fejn incident gie aktar provokat mill-pedestrian, is-sanzjoni tat-tkeccija kienet harxa wisq.

Fic-cirkostanzi dan it-Tribunal ma jarax li jkun idoneu li Diacono jerga' jiddahhal xufier. Bhala kumpens dan it-Tribunal qieghed iqis li fl-ewwel lok ir-rikorrent kien hati ta' diversi nuqqasijiet ohra qabel, u li ghaddihom lixxi. Fit-tieni lok tqis li r-rikorrent l-anqas biss gab prova tal-qliegh tieghu li kellu mas-socjeta' intimata. U fit-tielet lok it-Tribunal iqis ukoll li ghalkemm inghad li r-rikorrent ghamel 4 xhur bla xoghol, il-job history tar-rikorrent turi li dan waqaf jahdem mal-Arriva Malta fil-25 ta' Lulju 2013, u fl-ewwel seduta tal-kaz iddikjara li sab xoghol iehor fl-ahhar ta' Settembru 2013, li jfisser li ghamel biss xahrejn bla impieg.

DECIZJONI

Ghaldaqstant, wara li ra l-atti kollha ta' dan il-kaz, it-Tribunal qieghed jiddikjara li t-tkeccija tar-rikorrenti ma kinitx gustifikata imma misura esagerata. Pero' tenuti kont l-attenwanti kollha imsemmija hawn fuq, partikolarment in-numru ta' nuqqasijiet tal-istess rikorrent, ir-rikorrent ghandu jigi kkumpensat b'ammont totalment nominali biss. Ghaldaqstant it-Tribunal

jordna lill-intiamata thallas lir-rikorrent kumpens ta' tliet mitt Euro (€300.00) fi zmien tletin jum mill-lum. Ghall-finijiet tal-Kap 452 tal-ligijiet ta' Malta rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta' disghin Euro (€90.00). B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**Dr Leslie Cuschieri**
Chairman